# Il-Ħadd 24.04.2016

1. Illum 24/04, **il-Ħames Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità**:
   - Tul din il-ġimgħa għandna xi qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw b'ġest ta' Karità u għajnuna tant bżonnjuża lid-Dar San Franġisk de Paule, Triq l-Imsida, B'Kara li sservi bħala Ċentru għal matul il-Jum għat-Tfal.
2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 25/04: Triq il-Biedja
   - It-Tlieta 26/04: Triq Qerd in-Naħal, Triq Dun Karm Vella.
   - L-Erbgħa 27/04: Triq Mikelanġ Busuttil, Triq il-Kaċċaturi, Triq il-Ħlantun.
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 29/04: Triq San Ġorġ.
3. It-Tnejn 25/04:
   - Fis-7:15pm – Laqgħa għall-Ġenituri ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof din is-sena. Din ser issir fil-Museum tal-Bniet.
4. Il-Ħamis 28/04:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Pompej f'Marsaxlokk fejn ikollna Quddiesa, u wara Ikla f'restuarant f'Marsaskala. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
5. Il-Ġimgħa 29/04:
   - Fis-7:00pm – Is-Soċjetà tal-MUSEUM qed tistieden lil kulmin jixtieq għal attività li tinkludi l-wiri tal-film *Gates of the Lamb* dwar is-Sagrament tal-Magħmudija, li ser isir fiċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Dar il-Ħanin Samaritan, Santa Venera (Wara l-Iskola St Michael).
6. Is-Sibt 30/04:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm, fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena, il-Parroċċa tagħna qed tistedinkom għall-Kunċert *VIA LUCIS - It-Triq tad-Dawl* fil-knisja parrokkjali stess, b'mużika, kant u drama adatti għal żmien il-Għid. Mhux ta' min jitilfu.
7. Avviżi oħra:
   - Il-Kunsill Lokali javża li issa f'Ħal Safi għandna *2 defibrillators* għall-użu minn nies imħarrġa f'każijiet ta' emerġenza relatati ma' attakki tal-qalb, eċċ. Dawn jinsabu mwaħħlin: wieħed maġenb in-Noticeboard tan-naħa tas-Sorijiet fuq iz-Zuntier tal-Knisja, u l-ieħor qrib l-entratura tas-Sala tal-Kommunità mal-Uffiċċju tal-istess Kunsill. Nitolbukom li xxerrdu l-għarfien tant meħtieġ biex f'każ ta' bżonn ikunu jistgħu jinstabu u jintużaw b'mod xieraq. Fil-futur qarib il-Kunsill għandu ħsieb li jorganizza lezzjoni ta' darba mingħajr ħlas b'informazzjoni dwar kif għandhom jintużaw. Min huwa interessat għandu jħalli d-dettalji tiegħu l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali (jew iċempel 21689168).